MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2013

Numru. 1272/2009

**SPETTUR FABIEN FLERI**
**VS**
**MARIA ELENA SERAG**
**MARIA CONCETTA ZAMMIT**
**MANUELA ZAMMIT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Maria Elena Serag ta’ 40 sena, bint Emanuel Graham u Nicolina nee’ Sapiano, mwielda Pieta’ fid- 29 ta’ Awwissu 1972, residenti 34, Flat 4, Triq l- Irlandizi, Bormla u detentrici tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 404672M;

U

Maria Concetta Zammit ta’ 42 sena, bint Emanuel Graham u Nicolina nee’ Sapiano, mwielda Pieta’ fit- 13 ta’

April 1971, residenti 9, Triq l- Irlandizi, Bormla u detentrici tal- Karta tal- Identita' bin- numru 211871M;

U

Manuela Zammit ta' 21 sena, bint Raymond u Maria Concetta nee' Graham, mwielda Pieta' fil- 15 ta' April 1992, residenti 9, Triq l- Irlandizi, Bormla u detentrici tal- Karta tal- Identita' bin- numru 201892M;

Talli b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l- istess disposizzjoni tal- ligi u liema atti gew maghmula b' risoluzzjoni wahda;

1) Fil- 31 ta' Ottubru 2009 gewwa Bormla u gewwa dawn il- gzejjer bil- hsieb li jestorcu flus jew xi haga ohra, jew li jaghmlu xi qliegh, jew bil-hsieb li jgieghlu lil persuna ohra u cioe' lil John Abela minn Zabbar, esegwixxu, iddistruggew, qallbu, jew biddlu testment jew obbligazzjoni bil- miktub, titolu jew garanzija, jew ghamlu jew naqsu milli jaghmlu xi haga, heddew li jaghmlu denunzja jew kwerela kontra, jew li jaghtu malafama lil dik il- persuna jew persuna ohra u kawza ta' dan huma waslu ghall- hsieb taghhom;

2) Talli bejn l- 10 u l- 11 ta' Novembru 2009 gewwa Zabbar u gewwa dawn il- Gzejjer bil- hsieb li jestorcu flus jew xi haga ohra, jew li jaghmlu xi qligh, jew bil- hsieb li jgieghlu lil persuna ohra u cioe lil John Abela minn Zabbar, esegwixxu, iddistruggew, qallbu jew biddlu testment jew obbligazzjoni bil- miktub, titolu jew garanzija, jew ghamlu jew naqsu milli jaghmlu xi haga, hedded li jaghmlu denunzja jew kwerela kontra, jew li jaghtu malafama lil dik il- persuna jew persuna ohra u kawza ta' dan huma waslu li jaghtu malafama lil dik il- persuna jew persuna ohra u kawza ta' dan huma waslu ghall- hsieb taghhom;

3) Fl- istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi taw fastidju lil John Abela b' mod li kienu jafu jew misshom kienu jafu li b' tali mgieba kienu ser jikkagunaw fastidju fuq haddiehor;

4) Fl- istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi heddew bi kliem lil John Abela;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputati kienu jafu lill-parti leza, John Abela, bhala bejjiegh tal-haxix fil-lokalita' fejn kienu jghixu. Nhar il-31 ta' Ottubru, 2009, l-imputata Maria Concetta Zammit qalet lil dan John Abela sabiex jidhol ghandha u jwasslilha xkora patata. Jirrizulta li hekk kif kienu gewwa ghandha, huma t-tnejn nezghu l-hwejjeg taghhom kwazi ghal kollox, u minnufih dahlu fuqhom iz-zewg imputati l-ohra, Maria Elena Serag, li oht l-imputata Zammit, u Manwela Zammit – li tigi t-tifla tal-istess Zammit. Dawn ta' l-ahhar bdew ighajtu ma' Maria Concetta u hadu ritratti taghha u ta' Abela minghajr hwejjeg, u heddew lil Zammit li kienu ser jikxfuha mar-ragel taghha. Allura, Abela hallashom ammont ta' flus li suppost Zammit kellha taghti lil Serag, biex l-affari tieqaf hemm u ma jinkixef hadd. Din kienet, fil-qosor hafna u b'mod telegrafiku ghall-ahhar, il-kwistjoni kollha li wasslet biex jinbdew dawn il-proceduri. Izda dan kien biss il-preludju ghall-kumplament tal-istorja.

Gara, izda, li xi jiem wara, l-imputati marru jfittxu lil Abela, u talbuh aktar flus biex ma jxandrux ir-ritratti li kienu hadulu. Hu hallashom u huma telqu. Wara ftit tal-jiem ohra, regghu ghamlu l-istess, ghal darba darbtejn, sa ma fl-ahhar Abela ma felahx aktar u mar jaghmel rapport lill-

Pulizija fuq dan l-incident. Ghalhekk l-imputati gew arrestati u tressqu l-Qorti fuq dawn l-imputazzjonijiet.

Mill-provi prodotti, ma hemm l-ebda dubju li l-imputati fil-fatt kienu hadmu dan il-pjan sabiex jirrikattaw lil Abela u jiehdulu ammont ta' flus b'estorsjoni. B'kollox, lil Abela hadulu madwar hmistax-il elf Ewro f'temp ta' gimghatejn, kif jidher mid-dokumenti tal-bank esebiti fl-atti. Apparti li hemm ix-xiehda ta' Abela, fl-atti hemm ukoll l-istqarrijiet tal-imputati, li ammettew l-akkadut mal-Ufficjal investigattiv.

Illi sabiex instemghu l-provi kollha tal-partijiet, il-Qorti zammet xejn anqas minn sebgha w ghoxrin seduta, fuq medda ta' tlitt snin u nofs, meta din suppost kienet kawza sommarja. Il-Prosekuzzjoni hadet seba' seduti biex taghlaq il-provi taghha f'sitt xhur, u l-kumplament ittiehed mid-difiza. Ghall-korrettezza, intalbu differimenti miz-zewg nahat, izda xorta huwa zmien ezageratament eccessiv sabiex tinstema' kawza kriminali bi procedura sommarja, aktar u aktar meta ma hareg assolutament xejn gdid mix-xiehda tat-tlitt imputati.

Illi kif gia' qalet il-Qorti, mill-provi prodotti dawn l-imputazzjonijiet kollha jirrizultaw ampjament ippruvati fil-konfront tat-tlitt imputati. Dan kien pjan mahdum bi hsieb biex jirrikattaw lil Abela u jehdulu l-flus b'dak ir-rikatt. Jidher li, kieku l-imputati ma esagerawx fir-reghba taghhom ghal aktar flus, il-pjan taghhom kien jirnexxi u Abela ma kienx jirraporta l-icident kollu. Ir-rapport sar biss ghax l-imputati baqghu jitolbuh aktar flus, tant li ma felahx aktar u mar ghamel ir-rapport flimkien ma' ibnu Ruben.

Kwantu ghall-piena, ghalkemm din il-Qorti hija tal-fehma li azzjoni hazina bhal din tat-tlitt imputati kienet timmerita piena ta' prigunerija effettiva u fil-massimu taghha, jidher car li l-ghan ewlieni tal-parti leza hi li tigbor flusha lura aktar milli tara lit-tlitt imputati jmorru l-habs. Ghalhekk, l-unika piena applikabbli f'dan il-kaz hija l-piena ta' prigunerija sospiza, flimkien ma' ordni ghall-hlas b'terminu fiss skond il-ligi. Inoltre, peress illi l-imputata Manwela Zammit kienet minorenni fiz-zmien tar-reat, din tibbenefika

minn tnaqqis fil-piena bi grad jew tnejn, u ghalhekk il-Qorti sejra torbotha b'ordni ta' probation ghall-perijodu massimu skond il-Kap 446, sabiex ikun hemm sorveljanza fuqha, u ma tidholx aktar f'attivita' kriminali bhal ma dahlet fiha flimkien ma' ommha u zitha.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 250(1) u (2), 251A u 339(1)(e) tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta;
U l-artikolu 37 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-konfront ta' Manwela Zammit;

Issib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u ghalhekk:

Lil Manwela Zammit, tordna li titqieghed taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' tlitt snin, ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil Maria Elena Serag u lil Maria Concetta Zammit, tikkundannahom piena ta' sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn, ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Tordna lil Maria Elena Serag u lil Maria Concetta Zammit ihallsu s-somma ta' €15,374.25 (hmistax-il elf Ewro, tlitt mija w sebgha w erbghin Ewro, hamsa w ghoxrin centezmu) lil John Abela fi zmien sitt xhur, ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tordna, inoltre, il-konfiska tal-ammont ta' flus elevati mill-Pulizija minn fuq l-imputati fl-ammont ta' €4,050 (erbat elef u hamsin Ewro).

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------